MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru. 316/2001

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Simon Galea)
vs
Joseph Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Xuereb, iben Anthony u Rose nee' Sant imwieled fit-26 ta' Marzu, 1947 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 373947(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'B'Kara fit-13 ta Marzu 2001 b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassar jew ghamel bsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament karozza tat-tip Fiat Punto bin-numru tarregistrazzjoni LYD 301 propjeta ta Alan Debono ID: 35878M u residenti

Santa Venera, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira (LM 500) izda inqas minn elf Iira Maltin (Lm 1000) bi ksur tal-artikoli 325 (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanza kisser volontarjament il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin u dan kdllu bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Talli hebb kontra l-persuna ta Alan Debono sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmel hsara lilu jew Iill-haddiehor a tenur tal-artikolu 338 d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Alan Debono ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f' dan il-kodici u jekk kien ipprovokat hareg barra mil-Iimiti tal-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 338 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

F'kaz ta htija il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-rejat, torbot Iill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta somma ta flus li tigi ffissata mill-Qorti stess a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet

kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-23 ta’ Ottubru, 2002;

Taqta u tiddeciedi billi issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu  u dana fuq ammissjoni tieghu stess u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 325(1)(a), 338(dd), 339(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija matul l-investigazzjoni, l-fatt illi irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi l-kwerelant thallas ghad-danni kollha ikkagunati fuq il-vettura tieghu mill-insurance tieghu.  Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghamel dak illi ghamel peress illi huwa haseb illi Alan Debono kien ser ittajjarlu t-tifla tieghu ta’ sena u nofs bil-karozza u kien ghalhekk li qabad jaghti fuq il-karozza ta’ Alan Debono.

Illi dan il-fatt certament bl-ebda mod ma jiskuza jew inaqqas mill-agir hazin tal-imputat pero’ ser jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tinfliggi l-piena.  Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti u tara illi jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat  jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.  Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta’ sentejn tordna li din il-prigunerija ma ghandiex tibda issehh sa kemm fi zmien erba’ snin mil-lum l-imputat ma jikkommettiex xi reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi ghal din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum milli b’xi mod jimmolesta aktar lil Alan Debono.

---------------------------------TMIEM---------------------------------